MZC




ROYAL UNIVERSITY OF MALTA
MAIN LIBRARY

# il - polz

organu tal - moviment qawmien letterarju

għadd 24, marzu-awissu 1973

# il-polz

organu tal-moviment
qawmien letterarju
għadd 24; Marzu-Awissu 1973

Editorjal

## KUNSILL CENTRALI TAL-MALTI

*Malli waslitlu s-sejħa biex jagħti s-sehem tiegħu fit-twaqqif ta' Kunsill Ċentrali tal-Malti, wara li l-Għaqda Letterarja Maltija kienet ilha tisħaq b'kull mod dwar din il-ħtieġa, il-Moviment Qawmien Letterarju wieġeb bil-ferħa u ta s-suġġerimenti tiegħu. Mill-ewwel laqgħa sal-lum, waqt li kull għaqda ħadmet mal-bqija fuq l-istess mejda u bħal aħwa, saru żviluppi ġodda u nittamaw li fi żmien qasir l-għanijiet ta' l-istatut imfassal jibdew iseħħu. U nifhmu li jseħħu biss jekk kull għaqda tħares lejn il-kriżi lingwistika ta' barbariżmi, nejoloġiżmi, taħlit stupidu ta' Malti ma' ilsna oħra fl-istess ħin, u taqlib strutturali mill-akbar: dawn huma l-kwalitajiet ewlenin u komuni li llum saru x-xhieda ċara li dan il-poplu, minkejja kollox, għadu ma tgħallimx iħaddem il-lingwa tiegħu tajjeb.*

*M'għadux iż-żmien li nibqgħu nisħqu fuq il-lingwa. U dan kemm għaliex huwa għajb għal nazzjon indipendenti, u kemm għaliex l-iżviluppi li saru fil-qasam letterarju jmisshom jagħtu lil wieħed x'jifhem li t-tħaddim tal-lingwa miexi 'l quddiem u mhux lura. Iżda jidhrilna, li kontra qalbna u bi żvantaġġ kbir għal kulħadd, ikollna nammettu din il-ħsara. Bħalma niddejqu meta nisimgħu lil xi ħadd iħaddem ilsien barrani ħażin, imissna ilna li ddejjaqna waqt li nisimgħu l-ħin kollu lil ħafna u ħafna biex ma ngħidux ukoll li fost dawn jidħlu wkol xi "kittieba", ikissru bi lsienna. Tkissir bħal dan jixhed tkissir mentali, minħabba li l-kelma hi biss ħoss li jfisser b'xi modi l-ħsieb bħala ħaġa spiritwali.*

*Ktibna dan kollu l-aktar biex, flimkien mat-twaqqif tal-kunsill ċentrali tal-Malti, nissuġġerixxu li: (a) il-Kunsill jifhimha li jekk tassew irid iwettaq dmiru irid ikun lest li jiksirha ma' xi naħiet soċjali u jrid jitkellem ċar u tond għaliex il-Malti mhux qed jitkisser mill-babaw iżda minn individwi u minn gruppi; (b) isir xogħol programmat li jilħaq lil għadd ta' ġurnali u mezzi tax-xandir billi, individwalment jew mod ieħor, dawn ix-xandara jsibu lil min jurihom l-iżbalji bla tarf tagħhom; (ċ) tinħoloq kuxjenza dwar il-problema fost il-publiku, l-aktar fost l-awtoritajiet tax-xandir; (d) dwar dak kollu li hu standardizzazzjoni ta' kliem ġdid, isir kollox bl-awtorità tad-dipartiment tal-Malti fl-università biex ir-riżultat ikun xjentifiku u jista' jibqa'.*

*Iżda 'l barra mill-kunsill, żgur li kull għaqda jmissha tifhem li hu dmir tagħha li tiddefendi bil-fatti, u bit-tagħlim l-għodda ta' l-awturi tagħha; dan ifisser, kif għidna, kritika siewja lil kull min għandu f'idejh xi forma ta' xandir. Fil-mezzi tax-xandir għandna l-kawża tal-babilonja li dħalna fiha u li tant dħalna fiha li bosta huma dawk li lanqas biss għadhom intebħu jew iridu jintebħu.*

indirizz editorjali:
6 Gemini Court, Triq il-Ġdida wara Triq Ħal-Qormi — B'Kara

**bord editorjali:**

**Oliver Friggieri**

**V.M. Pellegrini**

**Vanni Riolo**

oliver friggieri

# POEŻIJA MINSIJA TA' RUŻAR BRIFFA

In-nuqqas ta' ħajra li kellu Rużar Briffa biex ixandar il-poeżiji tiegħu tista' tfisser il-fatt li din l-eleġija li se nippreżenta baqgħet minsija u qatt ma daħlet fl-edizzjoni ta' "Poeżiji" li l-poeta ħareġ fl-1960 u fl-edizzjonijiet li saru tal-ktieb wara mewtu. Il-poeżija "Lil Ziti Carmela Briffa li wara ħajja qaddisa ta' 55 sena taret fi ħdan Alla" sibtha ftit ġimgħat ilu fil-ħarġa tal-"Leħen is-Sewwa" tat-18 ta' Jannar, 1930. Il-poeżija, imxandra fil-ġurnal, iġġib id-data ta' l-ewwel ta' Jannar, 1930, u jkollna noqogħdu fuq il-verżjoni u d-data tal-"Leħen is-Sewwa" minħabba li l-manuskritt tagħha ma jinstabx fost il-bqija tal-manuskritti tal-poeżiji l-oħra kollha li xandar fil-volum u li kiteb fl-aħħar snin ta' ħajtu (1960-63). Din hija l-poeżija:

### LIL ZITI CARMELA BRIFFA
### Li wara ħajja qaddisa ta' 55 sena taret fi ħdan Alla

Fittixt fil-ġonna l-ogħna ward bajdani
bil-ħsieb li nferrxu fuq il-qabar tiegħek,
'Mma ward ma sibtx ta' bjuda tant safija
li fl-aqwa tagħha taf itħabbat miegħek.

Għax tassew kont ma tafx x'inhija l-ħtija
u ħsiebek biss f'Ġesù u fl-Omm minn tiegħu,
u l-isbaħ ħolma li tferraħlek qalbek
kienet il-ħolma li titgħannaq miegħu.

U għirt għalik x'ħin rajtek ġewwa l-qabar
għax naf li fih int sibt l-ikbar serħan;
kien jixhdu wiċċek li bil--mewt ma ttiefes
u ħarstu żammha lejn 'il fuq, ferħan.

U għirt għalik għax hemm ħsejjes il-ħajja
le biss ma jilħqu biex iġarrfu ruħek,
'mma ħemda biss u l-egħżeż trab imbierek
bi ħlewwa kbira huma l-firxa fuqek.

W għalkemm imbiegħda mit-tgħanniqa tagħna,
naf illi żgur bqajt int tħobb lil kulħadd,
u talba tiegħek għal qrabatek kollha
sħiħa lejn Alla twassal bla tmiem qatt.

Carmela Briffa, oħt missier il-poeta, twieldet fl-1874 fi Strada Levante, il-belt Valletta, minn Santu u Roża Briffa nee Azzopardi. Kellha seba' ħutha: Duminku (missier il-poeta), Ġużeppi, Ċensu, Franġisku, Toninu, Rużar (li l-poeta kien im-

# oliver friggieri dwar poezija minsija

semmi għalih) u Margerita. Għaddiet ħajjitha xebba, tgħin il-familja fid-dar, l-iżjed fil-kċina. Il-ħin ħieles tagħha kienet tgħaddih kważi kollu fil-knisja ta' San Duminku, il-Belt, minħabba li kienet miġbuda ħafna lejn dik il-knisja. Fil-għodu kienet tmur tisma' l-quddies u titqarben, waqt li fil-għaxija kienet terġa' tmur għar-rużarju u għall-barka. Meta kien ikun il-maltemp kienet tibqa' f'kamritha miġbura u, skond drawwa qadima ta' niesna, kienet tagħżel xi santi mill-ġabra li kellha fil-kexxun u tgħid xi talb quddiemhom.

Kienet xebba samranija, ta' sura twila u mimlija, ġiġifieri għal dak iż-żmien kienet meqjusa bħala mara ta' ġmiel. Madankollu, fl-ilbies kellha modestja żejda. Kienet ta' ftit kliem, iżda kienet tħobb tiftaħar li kellha sitt ħutha subien u li lkoll kienu msemmija għal qaddisin li għandhom x'jaqsmu mal-knisja dumnikana. Mietet fl-1929, ta' ħamsa u ħamsin sena.

Minn dan it-tagħrif, miġbur minn għand oħt il-poeta, Carmelina Vella Briffa, toħroġ id-dehra rejalistika li Rużar Briffa pinġa poetikament fl-eleġija: il-mewt ta' mara li tat tifsira spiritwali lill-ħajja tagħha kollha. F'dik il-ħabta l-poeta, gradwat fl-aħħar snin tal-kors tal-mediċina, kellu 23 sena, u l-ħajja u l-mewt ta' mara twajba ma setgħux ma jolqtuhx bħala żagħżugħ kumpless, imħasseb u diżilluż minn kmieni

L-eleġija hi mibnija fuq tliet sisien: il-qdusija tal-mejta, ir-rejazzjoni fil-poeta, u r-rabta spiritwali tal-mejta mal-familja kollha. Dawn it-tliet motivi huma mħalltin flimkien il-ħin kollu, minn vers għal ieħor, għad li t-tielet wieħed huwa mtella' fil-wiċċ wisq fl-aħħar stanza, u għalhekk aktarx jinqata' xi ftit mill-fużjoni tat-tnejn l-oħra.

Min-naħa stilistika hemm għadd ta' elementi li jikkaratterizzaw lill-ewwel fażi poetika ta' Briffa, għad li uħud minnhom baqgħu jidhru sa l-aħħar versi li kiteb. L-ewwel wieħed huwa r-resqien tal-ħajja mal-fantasija, bir-riżultat li l-ġrajja ma tissaffix wisq mit-truf u l-forom materjali tagħha biex titla' għal-livell ta' bidla poetika, mimlija armonija u msoffija minn dak kollu li huwa partikulari fi ġrajja. Hemm ukoll elementi retoriċi: "Fl-omm minn tiegħu" minflok "fl-omm tiegħu", l-użu tan-negattiv f'"le biss ma jilħqu", kif ukoll aġġettivazzjoni tradizzjonali magħrufa ("ward bajdani", "bjuda safija", "trab imbierek"). Elementi oħrajn (bħall-aferesi ta' "'mma" fil-bidu ta' versi fl-ewwel u r-raba' strofa; l-użu tal-vokali "i" quddiem l-ittra qaddejja "t" tat-tielet persuna singular fil-kelma "itħabbat" fl-ewwel stanza; l-użu żejjed tal-pronom "int" fl-aħħar strofa) baqgħu jidhru fil-versi tiegħu sa l-aħħar. L-iżjed ħaġa kurjuża minn dan l-aspett hija l-espressjoni "lejn 'il fuq", magħmula minn prepożizzjoni quddiem avverbju.

In-nuqqas ta' saħħa espressiva ta' poeta żagħżugħ tinħass ukoll fil-vokali żejda finnofs ta' l-aġġettiv "safija" fl-ewwel strofa, fl-assonanza bejn il-kelmiet "ruħek" u "fuqek" fi truf il-versi tar-raba' strofa, kif ukoll fl-użu tal-konġunzjoni "u" fil-bidu ta' l-aħħar tliet stanzi.

Il-poeta, maħkum mit-tjieba ta' mara li kien jafha bħala qaddisa u mimli bit-tħassib li nafu minn ħajtu u mill-poeżiji l-oħra ta' l-istess żmien u tal-bqija ta' ħajtu, huwa l-bniedem maqsum bejn żewġ xejriet kontra xulxin. Ix-xejra estatika tal-mara qaddisa tinħass il-ħin kollu, waqt li x-xejra l-oħra tal-poeta tixref kemm kemm f'siltiet bħal dawn: "wara ma sibtx", "għirt għalik", "ħsejjes il-ħajja", "iġarrfu ruħek". Madankollu, l-ispirtu tal- eleġija huwa l-ħemda sielma, il-faraġ dejjiem, u quddiem mewt bħal din la tinħass is-sogħba familjari u lanqas il-problema tal-ħażen fiżiku. Anzi aktarx li s-sogħba hija mbiddla f'faraġ u minflok il-kriżi tal-mewt bħala l-ħażen fiżiku tinħass ir-rebħa metafiżika f'dinja oħra.

Waqtiet ta' trankwillità bħal din ma jinħassux wisq matul il-mixja poetika ta' Briffa. Iżda min-naħa stilistika hemm għadd ta' elementi li jintrabtu mal-poeżiji li kiteb qabel (mill-1924 'il quddiem) u wara (sa l-1963). U jintrabtu għaliex juru tħarriġ tekniku, żvilupp jew tkomplija sa l-aqwa xogħlijiet tal-maturità poetika tiegħu.

---

N.B. Dwar poeżija *oħra* minsija ta' Briffa are "Rużar Briffa — ħajja u karattru" (1972) kif ukoll "Rużar Briffa — l-aħħar poeżiji u taħdita letterarja b'noti u bijografija miżjuda" (fl-istampa), it-tnejn ta' l-awtur. Minħabba li dan il-ktieb ta' l-aħħar kien fi stadju avvanzat ta' stampa, "Lil Carmela Briffa" ma setgħetx, teknikament, tiddaħħal fil-ktieb meta nstabet.

## v. m. pellegrini
## jsellem lil habibu
# GIOVANNI CURMI

Giovanni Curmi ma għadux iktar magħna. Telfa oħra għall-ġieh tat-Talent Malti li f'kull fergħa tax-Xjenza, Arti u Letteratura jimxi dejjem 'il quddiem u ma hu xejn inqas minn dak ta' bosta popli oħra tad-dinja. Għalhekk inħoss li jkun tabilħaqq xieraq li anki "Il-Polz" jagħti tislima lil iben Malta li għamlilha unur fil-qasam tal-Letteratura Taljan; qabel xejn, Curmi kien imsieħeb fil-Moviment tagħna u dejjem wera interess fih.

Giovanni Curmi twieled fil-Belt Valletta fl-10 ta' Jannar 1900 minn Giovanni Curmi u Lucia imwielda Caruana. Beda l-istudju tiegħu fi Flores College minn fejn għadda għall-Università Rjali ta' Malta u kiseb id-Dottorat fil-Liġi fl-1922. Il-Liġi ma kinetx l-idejal tiegħu u forsi lanaq Avukat għax riedu hekk il-ġenituri. Kienet ġibditu l-kitba letterarja u l-karriera tiegħu għamilha fl-iskejjel u fl-Università.

Fl-1933 insibuh għalliem tal-Liċeo, fl-1945 sal-1955 Lettur fl-Università Rjali ta' Malta; fl-1957 surmast tal-Liċeo, sena wara Spettur tal-Iskejjel u fl-1959 Assistent Direttur ta' l-Edukazzjoni minn fejn imbagħad ħareġ bil-pensjoni.

Bħala kittieb wera ħidma xejn inqas. L-ewwel pubblikazzjoni tiegħu "Liriche" rat id-dawl f'Katanja fl-1923 u wieħed wara l-ieħor dehru l-pubblikazzjonijiet l-oħra tiegħu.

"Tre Normi Maltesi" — "Frammenti di Vita" — "Cento Novelle Paradossali" — "Il Delitto di Villa Cremera" — "Il Canzoniere della Bambina" — "Storia Della Letteratura Italiana." "Bufera" — "Sei Dialoghi" — "L'Anima poetica del Novecento" — "Questa è la Vita" — "Nel Palazzo degli Anguillara" — "Cenere" — "Epistolario Romantico" — "Quante Cose di te" — u l-"Destino del Fulmine", l-aħħar wieħed pubblikat u li jiena qlibt għall-Malti.

Għal dawn il-ħidmiet letterarji, Giovanni Curmi kiseb onorifiċenzi u medalji tal-fidda, iżda kiseb wisq iktar imrar, diżappunti u swied il-qalb milli ħaġa oħra; destin bħal dan tassew iġiblek ħasra u jġegħlek tirribella meta tiftakar li, bħala kittieb u poeta, lilek ukoll għad tmissek xorti ħażina bħal dik ta' Giovanni Curmi.

Għalhekk irrid b'dan l-apprezzament tiegħi nappella ruħi liż-żgħażagħ kittieba tal-lum, biex ma jinsewx li l-qagħda letterarja t'issa bnewha l-kittieba ta' qabilhom bi tbatija u sagrifiċċju liema bħalhom, u jkun xeraq li lil dawn il-kittieba ma jinsewhomx fi xjuħithom u la bħala poeti u l-anqas bħala bnedmin, biex meta tasal sigħethom, ma jduqux huma wkoll il-morr li trejjaq bih Giovanni Curmi. Għax ngħiduna kif inhi, hi tabilħaqq ħaġa kiefra li tintesa f'ħajtek, wara ħidma siewja li inti tkun tajt lill-konnazzjonali tiegħek u lil art twelidek.

Giovanni Curmi, bħal ħafna oħrajn, kien fi żmienu bħala kittieb "in the public eye" kif jgħidu l-Ingliżi, kien jaħdem b'ħeġġa liema bħalha, u kellu l-idejal tal-ħajja kif ikollu kull poeta. L-iskop ewlieni ta' min tassew iħobb lil-Letteratura, li ma tissarrafx b'ċekkijiet iżda

v.m. pellegrini
dwar

# GIOVANN CURMI

biss bil-ksib ta' xi werqa tar-rand, hu dak li joħloq is-sabiħ, li jfisser it-tqanqil ta' l-Umanità, bit-tqanqil li jħoss ġo fih, li jidħol fi djalogu ma' ħutu l-bnedmin biex magħhom jaqsam il-ferħ u n-niket tiegħu. Fuq kollox huwa jpoġġi l-ħsieb li fil-ġejjieni xogħlu jibqa' apprezzat u mfakkar minn dawk ta' warajh, biex b'hekk jikseb l-immortalità letterarja li għaliha jkun ħadem ħajtu kollha u jkun issaggrifika kollox, fl-istudji u fis-sahra sas-sigħat bekrin ta' fil-għodu.

Meta lill-poeta u lill-kittieb jonqsu dan kollu, allura għalih il-ħajja ssir ħaġa bla sens; daħqa paradossali, ingann, biex ngħid hekk, li taħt il-qilla tiegħu tintilef kull tama f'ġejjieni ieħor, u ma jibqax ħlief vojt u dlam li minnhom ma jista' jinħoloq xejn ħlief vojt u dlam.

Meta qlibt għall-Malti "Id-Destin tas-Sajjetta" dan għamiltu għax ħassejt li f'dan il-ktieb Giovanni Curmi tana, biex ngħidu hekk **"il-kant taċ-Ċinju"** jiġifieri l-isbaħ kant tiegħu li bih għalaq il-karriera poetika li għex għaliha.

Kemm fil-forma poetika, kif ukoll fil-kontenut, dan il-ktieb huwa wieħed mill-aħjar li ġew f'idejja dan l-aħħar. Kull poeżija għandha climax li jħallik bla nifs. Il-poeta jattakka xi suġġett poetiku bl-iktar ħaġa banali bħal ma ngħidu aħna "Bil-Barżakka ħdejja". Iżda jekk tkompli taqra, ssib li dik hi l-barżakka tal-ħajja, ta' wieħed qrib qabru, ta' wieħed li x'ħin iqalleb fiha ma jsibx ħlief ftit ċekċik......... U b'din is-sejba l-poeta isaqsi:

"Jekk tabilħaqq bix-xejn kienet
maghġuna
il-ħajja, ser tkun il-mewt jewwilla
għanja bix-xejn ukoll?

Dak li kebbisni l-iżjed fil-ħajra li naqleb għall-Malti dan il-ktieb, kienet in-nota awtobijografika li tippermja dawn il-poeżijiet u li ġibitli quddiemi d-destin kiefer tagħna l-poeta, li wara li ngħaddu ħajjitna noħolmu u ngħixu għall-idejal tal-fama u ta' l-immortalità insibu li fl-aħħar mill-aħħar ma nkunu għamilna xejn aktar ħlief ħlejna ż-żmien, għakkisna żgħożitna u xjaħna qabel il-waqt, biex bħala riżultat inkunu ksibna biss ponn dubbien li kif tiftaħ idek itir u jgħib għal kollox.

U dan m'għandux jiġri u la għal Giovanni Curmi u lanqas għall-poeti u kittieba l-oħra ta' siwi, li Malta ttina minn żmien għal ieħor. Inħabirku għalhekk biex inkattru l-istudji kritiċi tagħna ħalli minnhom joħroġ it-tajjeb u s-sabiħ tal-kittieba Maltin u ngħożżuhom lil dawn il-kittieba, l-iktar billi naqraw ix-xogħlijiet tagħhom, infaħħruhom fejn jixirqilhom u nżommuhom bħala l-aqwa kolonna li fuqha jistgħu jinbnew Destini aħjar għal Malta iktar magħrufa u setgħana fil-qawwa tal-kelma.

# "GAĠĠA"

L-ewwel film bil-Malti, imwassal u maħdum mill-istudenti universitarji, intwera għall-ewwel darba fit-tijatru ta' l-università f'Tal-Qroqq nhar is-Sibt, 5 ta' Mejju. Nistgħu ngħidu li ntlaqa' tajjeb ħafna u nittamaw li dan l-interess serju fost l-istudenti joktor biex iwassal għal films oħra bi lsienna, waqt li l-iżvantaġġi tekniċi jonqsu; żgur li l-publiku Malti jista' jagħmel dan il-film success, minħabba li l-użu tal-Malti f'għodda artistika bħal din għadu ħaġa ġdida. Hu x'inhu, il-Moviment Qawmien Letterarju, waqt li jifraħ lis-sur Mario Philip Azzopardi, il-produttur tal-film, għall-intelliġenza li wera biex tagħna "Gaġġa", jifraħ ukoll li l-ewwel film bi lsienna kellu jkun mibni fuq ir-rumanz ta' Frans Sammut, il-viċi-president tal-Moviment.

## *poeziji ta' AQUILINA PAWLU*

### MERA MĊAJPRA

**Titnikket** x'ħin tara
Il-wiċċ qed jinsibek
U d-demm jitlef lewnu
Jidbiel u jisfar;
**Titbekka** x'ħin tisma'
Is-sider iqaħqaħ,
Bla jaqta', bla jtaffi
Bil-lejl u bin-nhar;
**Tingħasar** tħoss dwiefer
Il-qerda ġo qalbek
X'ħin tisma' t-twerżiqa
Tat-tmiem ta' kull hemm
U l-kesħa xxoqq l-għadam
Li tgħaqqad id-demm
Li sewset u ħassret
U żellġet il-ħarsa
U tfiet il-ħaddejn
U ħallet u ħattet
In-nisġa tal-kelma
Minn bejn ix-xufftejn. . .
**Tiġġennen** x'ħin tisma'
Il-qoffa titbattal
U jrambal fuq l-għatu
Iċ-ċapep, iż-żrar. . .
U x'ħin terġa' lura
Il-bikja **taż-żgħar**!

**Pawlu Aquilina**

### BAĦĦ!

Fil-baħħ ta' lbieraħ
Jinbela' d-dell tal-lum
U l-ħjiel ta' għada. . .
U x'jibqa' minni u minnek
U mill-umanità? —
Ninħalġu lkoll
U l-baħħ ikun bla tmiem
Mingħajr l-umanità!

**Pawlu Aquilina**

### IL-M.Q.L. FIL-MEWT TA' G. CURMI

Giovanni Curmi, li miet fl-4 ta' Ġunju, 1973, kien wieħed mill-imseħbin l-iżjed ġenwini tagħna. Minkejja l-età tiegħu, u minkejja li kiteb dejjem bit-Taljan, kellu mħabba sħiħa għal ilsienna, u wieġeb dejjem għal kull sejħa li l-kumitat għamel, minn żmien għal ieħor, għal xi ħidma. L-aħħar sejħa kienet meta tlabnieh, bħall-bqija tal-membri, biex jibagħtilna xi poeżiji għall-antoloġija "Misraħ il-għana". Hu kien wieħed fost l-ewlenin li għamlilna l-ġieħ li jieħu sehem fil-ktieb b'għadd ta' poeżiji li juru minnufih il-ħila u l-ispirazzjoni ta' dan il-poeta. Issehem tiegħu kien ukoll xhieda li l-M.Q.L. iħaddan fih kemm żgħażagħ u kemm kittieba mdaħħlin fiż-żmien, ħaġa li l-Moviment jibqa' jisħaq fuqha biex tinżamm ir-rabta loġika malimgħoddi.

Il-M.Q.L. jagħti l-għomor lil martu u lil bintu, fil-waqt li jħeġġeġ lill-membri jiftakru fih f'talbhom.

---

### ĦAJTU

**Bejn Għajn u Għajn.**
Fit-Tarbija, ħarsa fittiexa,
bla tifsira.
Fix-Xjuħija, ħarsa fissa,
b'tifsira.

**Ħabel Tat-Tiben.**
Jgħabbi u jħott.
Iżomm u jorbot.
Xhieda ta' saħħa.
Ħabel tat-tiben.

**Driegħ Is-Setgħa.**
Qawwa tbatti qawwa.
Saħħa ġgantija taqa' gozz.
Driegħ is-Setgħa!

**Għerf.**
Il-Bniedem,
b'moħħ ta' ftit pulzieri
f'dinja, mijiet t'eluf ta' mili
tela', niżel u mexa!

**Publius Micallef**

# PROFESSUR GERMANIŻ JIKTBILNA DWAR L-ILSIEN MALTI



il-prof. Helmut Ludtke

L-għadd ta' studjużi barranin li qegħdin juru interess fl-istudji lingwistiċi tal-Malti qiegħed jiżdied ġmielu. Bis-saħħa tas-sehem tal-professur Ġużè Aquilina f'kungressi internazzjonali u l-istudji lingwistiċi tiegħu, ilsienna llum hu magħdud fost l-ilsna l-iżjed interessanti. U dan għal għadd ta' raġunijiet. Wieħed minn dawn l-istudjużi hu l-professur Dr. Helmut Ludtke li sirt ħabib tiegħu l-ewwel darba meta ltqajt miegħu u ried bil-fors ikellimni bil-Malti. Huwa kien Malta għadd ta' drabi u l-aħħar darba li ltqajna rajtu mgħobbi b'pakkett imdaqqas ta' kotba Maltin li kien għadu kemm xtara mill-Belt. Il-professur Helmut Ludtke, li jgħallem fl-università ta' Berlin ("Technische Universitat Berlin"), mhux biss kiteb dwar il-Malti u qiegħed jistudjah, iżda jgħid li jħossu msaħħar bil-ħoss tal-kelma tagħna. Għal iżjed tagħrif dwar il-fehmiet tiegħu, jien għamiltlu għadd ta' mistoqsijiet li uħud minnhom qegħdin jixxandru f'din l-intervista.

**Oliver Friggieri**

1. *What is the position of the Maltese language within the family of languages? Which are the main features which relate Maltese to other European languages?*

Maltese clearly belongs to the family of modern Arabic dialects, with particular relationship to Maghribinian, i.e. North African Arabic, and with a great number of idiosyncrasies, i.e. features peculiar to Maltese only.

Let me give a few details. A typical case of Maltese agreeing with North African Arabic is the formation of the first person of the imperfect, e.g. *nikteb* / *niktbu*, to which correspond *nekteb* / *nektebu* or *neketbu* in the Arabic dialects from Mauretania to Libya, as against Egyptian *'aktib* (sing). / *niktib* (plur.!), and similar forms in Eastern Arabic; since the latter agree with Classical Arabic, it is evident that Maltese here takes part in a common Maghribinian innovation. Now this is only one case; a specialist in Arabic dialectology might easily add dozens of others.

Some people claim a particular relationship between Maltese and Arabic dialects to the Eastern shore of the Mediterranean, alleging the pronunciation of "q" which is the same in Maltese and in many East-

ern dialects. This, however, is a sporadic case; the pronunciation of "q" as a glottal stop may have arisen independently in several parts of the Arabic linguistic area. Let me cite a counterpart from the Romance languages: "foc nou", which means "new fire", is both Rumanian and Catalan, the two words going back to the Latin "focus" and "novus", respectively. It would be absurd on account of these two words to claim a special relationship between Catalan and Rumanian beyond the obvious fact that both languages derive from Latin stock. In the same way, you may find resemblances between Maltese and any Arabic dialect whatever.

2. *One of the main problems still to be solved in local linguistic fields is the precise way how the Arabs and their contemporary Maltese natives managed to substitute their former language by Arabic. What are your views about this, and do you think that there is any remaining substratum of the older way of expression in Modern Maltese?*

Unfortunately we know next to nothing about how and why the Arabs succeeded in imposing their language within a period of 210 years (870-1090). Horeover, there are so few pre-Arabic relics in the Maltese language, that it is impossible to ascertain which was the language spoken in your islands before the Arabs came in.

3. (a) *What is the most significant feature of the Romance element in Maltese?*
(b) *In one of your books you have dealt with Maltese. What is the position of Maltese within the framework of your linguistic research?*

In my book "Geschichte des romanischen Wortschatzes" ("History of Romance Vocabulary") (Freiburg i.B. 1968) I adduced the case of Maltese as an example of what Prof. Ġużè Aquilina has called "mixed grammar": apart from hundreds of Romance loan-words inflected according to Semitic morphological pattern (e.g. *forn / fran* or *kamra / kmamar*), a phenomenon which has parallels in many languages all over the world, there are examples of Sicilian patterns of noun and adjective inflection carried over into Maltese: -a / -i as in *karta / karti*, and -u / -a / -i as in *bravu / brava / bravi*. Similar phenomena are quite rare; one instance I know of is found in another Mediterranean island, Cyprus, where the descendants of Maronite Arabs immigrated from Lebanon have preserved their Arabic dialect to this day, allowing, however, a strong admixture of Greek, which shows striking parallels to the Romance influence upon Maltese.

Another significant feature of the Romance loan-words is that the majority of them are in their phonetic shape tiplcally Sicilian, and some of them can be even more precisely circumscribed: they belong into Southeastern Sicily, i.e. the region of Ragusa; this is why the Romance element in Maltese is interesting even for Romance scholars who study Sicilian dialectology.

---

## PREMJU ROTHMANS GĦAL-LETTERATURA

Din is-sena l-Premju Rothmans għal-Letteratura, immexxi minn delegat għoli tad-ditta, is-sur Lino Spiteri, se jingħata b'kordinazzjoni mal-Moviment Qawmien Letterarju. Din is-sena l-premju ta' £100 se jingħata għall-aħjar rumanz; uffiċjali tal-Moviment iltaqgħu diġà mas-sur Spiteri u tfasslu diġà l-linji ewlenin li l-konkors irid isir fi ħdanhom. Wieħed ma jistax ma jifraħx minn issa lis-sur Lino Spiteri għal din il-ħidma waħdanija u jiżżih ħajr f'isem il-kittieba kollha għall-għajnuna siewja li qiegħed jagħti għall-iżvilupp tal-letteratura.

# Xi Kotba li ħarġu dan l-aħħar

*"HOLQQ"* — ġabra ta' poeżiji ta' Mario F. Bezzina, Carmel Calleja, Carmel G. Cauchi, Ġorġ Falzon u Kerubin Farrugia, bi studju kritiku ta' Oliver Friggieri.

*"RUNDUVÙ"* — rumanz ieħor ta' Paul Xuereb.

*"DWAL FIL-FORTIZZA"* — rumanz ieħor għat-tfal ta' Trevor Żahra.

*"IL-ĦAMSA F'ĦAĠAR QIM"* — rumanz għat-tfal ta' Charles P. Grech.

*"TLIET DRAMMI TA' FRANCIS EBEJER"* (L-Imnarja Żmien il-Qtil, Il-Ħadd fuq il-Bejt, L-Imwarrbin), bi studju kritiku ta' Oliver Friggieri (edizzjoni Klabb Kotba Maltin).

*"QWIEL MALTIN"* — ġabra ta' Bro. Henry, F.S.C.

*'IR-RUĦ FIL-KELMA"* — ġabra ta' studji kritiċi ta' Oliver Friggieri (edizzjoni Klabb Kotba Maltin).

*"QAWSALLA '72"* — poeżiji ta' Alfred Mazza, Alfred Palma, John Sciberras, Maurice Vella Borg.

*"BLA ĦABI"* — essays dwar il-poplu Malti minn Ġużè Galea.

# INT U JIEN

Jien għal rasi,
Int għal rasek
Żewġ sriebet paralleli li tama jiltaqgħu
M'għandhom qatt
Fuq l-ebda xatt!

Għajnejk kalamita
Jixorbu lil tiegħi
L-iksaħ xitwa tħoll fl-isbaħ rebbiegħa.
Tbissima fl-uċuħ
Tnehida fir-ruħ!

Linji ta' tren
Kesħin u mejta
Treddin ta' roti, ċaqliq, tbaqbiq u rogħda
Għaddiet il-makna tan-nar
Il-wieħed, tnejn reġa' sar!

Tant qrib xulxin
Ma tant 'il bogħod
Nissieltu mal-ħajja tul tlajja u nżul
Żewġ linji azzar
Intajru x-xrar!

**Lina Brockduff**

---

# Aħbarijiet tal-Moviment Qawmien Letterarju

**"Il-Polz" u "Sagħtar"**

Dawn kollha, imseħbin tal-Moviment u mhumiex, li jixtiequ jiksbu kopji ta' l-imgħoddi tar-rivisti tal-M.Q.L., jiġifieri ta' "Il-Polz" u "Sagħtar", għandhom jiktbu lis-segretarju, is-sur Richie Vella, 100, triq il-Merkanti, Valletta.

**"Kittieba ta' Żmienna"**

Il-programm ta' kull ġimgħa li l-Moviment iwassal lis-semmiegħa tar-Rediffusion qiegħed iqanqal kummenti tajbin ħafna u għandna nifhmu li qiegħed ikun ta' għodda siewja ħafna li tgħaqqad lill-Moviment mal-publiku. Il-produttur tal-programm, Albert Marshall, reġista magħruf biżżejjed, qiegħed jagħti importanza kbira lin-naħa teknika tal-programm, waqt li fl-għażla tax-xogħlijiet għad hemm il-ħsieb li jinżamm bilanċ bejn il-kittieba ta' l-imgħoddi u dawk ta' llum. Fil-programm, minbarra membri tal-Moviment, jinstemgħu ilħna ta' atturi u attriċi magħrufa, bħal Vanni Riolo (membru tal-kumitat) u Jane Marshall.

# Meta fl-ghaxija

Meta fl-għaxija
nintrema fl-art
mikul mill-mard. . .

Meta fl-għaxija
tonqosli l-ħeġġa
u tmut l-imħabba
li nkun ħabbejt
u nerġa' lura
minn fejn kont ġejt. . .

Meta fl-għaxija
nitlef fil-ġlieda
bl-għajb u l-mistħija
u kollox
jispiċċa għalija. . .

mad-dawl li jkun ġa tilef
is-saħħa u nien
nagħlaq għajnejja u norqod
għajjien, għajjien!

**Ġorġ Borg**

# "Misraħ il-għana"

Wara li sar il-programm għall-imseħbin tal-M.Q.L. bil-ħsieb li tiġi ppreżentata għall-ewwel darba l-antoloġija "Misraħ il-Għana" — għażla żgħira ta' xogħlijiet ta' mseħbin tagħna — nafu li l-bejgħ ta' l-antoloġija fil-ħwienet miexi tajjeb ħafna, anzi wisq aħjar milli stennejna. Il-programm kien ippreżentat minn Vanni Riolo, u matulu ngħata tagħrif qasir mill-president u mis-segretarju, waqt li nqraw siltiet mill-ktieb u ntwera film dwar ballet professjonali. Għall-wiri tal-film il-Moviment jiżżi ħajr ħafna lill-Ambaxxata Amerikana f'Malta li għoġobha tgħinna u li anki wegħditna għajnuna akbar għall-ġejjieni.

Il-biċċa l-kbira ta' dawk li ħadu sehem fl-antoloġija ħadu l-għadd tal-kopji tagħhom; għad fadal xi uħud li għadhom ma wiġbux għas-sejħa biex jiġu jieħu l-kopji li ħallsu għalihom. Dan ukoll huma mitluba jikkuntattjaw lis-segretarju fin-numru 22193.

# Kuntrast

Il-bieraħ waħdi f'kamarti
noħlom f'saltniet il-anġli
u moħħi jogħla 'l fuq
jiżżeffen fuq is-sħab tal-fantasija.
Il-lum fir-realtà tal-ħajja
niżżeffen ma' ċorma żgħażagħ
mad-daqq sfrenat tal-"beat"
u taħt id-dwal psikedeliċi
il-moħħ jirilassa u l-uċuħ
jieħdu forma grotteska.
Il-għajnejn inemnmu
fid-dawl fiddien
u l-ħalq jiċċarrat
f'daħqa sfurzata.
Għada d-dwal jintfwew
u l-moħħ mill-ġdid jerġa'
jittaqqal u l-maskra
taqa' minn fuq
l-uċuħ ferħana.
U jien bħal bieraħ
waħdi f'kamarti
nerġa' mill-ġdid nitħaddan
imsaħħra għal ħdan il-fantasija.

**Carmen Giglio**

# Centru ghall-Moviment

Il-M.Q.L. wasal biex jikseb ċentru għalih, fi triq ewlenija fil-belt Valletta. Meta jinkiseb, il-M.Q.L. beħsiebu jgħarraf lill-membri u lill-publiku dwar dak kollu li l-imseħbin u l-publiku li jħobb il-letteratura jista' jieħu minn ċentru bħal dan. Hemm ukoll il-ħsieb li l-M.Q.L. jibni librerija Maltija għall-imseħbin tiegħu fiċ-ċentru l-ġdid.

poeżiji

ta'

# LILLIAN SCIBERRAS

## il-Ħadd fil-għaxija

Meta għada jsir illum
u qalbi tkun tista' titkellem ma' tiegħek;
meta l-bieraħ fit-twaħħid u d-dwejjaq
isir ħolma stramba;
meta idek tħuf għal tiegħi
f'mument t'inċertezza
u t-tbissim tagħna jikxef dak kollu li nħossu
f'mument mill-eternità;
meta l-hena u t-tifsir jidħlu kisnijiet
mal-wasla ta' l-għodwa
u dak kollu li mhux int ikun battâl
u bla siwi;
meta nħossok miegħi u nħoss is-sħana tiegħek
u l-bews tiegħek jaħraqni minn ġewwa
. . . imbagħad għada jsir illum . . .
fil-ġisem u fl-ispirtu, u f'kull ħaġa oħra.

## ħsibijiet minn wara tbissima

U hekk jerġa' jittenna
jum ieħor ta' aħbarijiet li ma jitlissnux, mhux maqsuma
mingħajr ma naf għaliex jew kif,
tqila biss bi ħsibijieti —
f'waqtiet jilmgħu bi sbuħija, drabi oħra ma jinftehmux
barranin mill-oħrajn u minni.

U nistenna fuq li nistenna
dejjem nistenna
u xi drabi, forsi, ma nafx,
naħseb li d-delużjoni tiġi qabel l-illużjoni,
msieħba bl-indifferenza ħelwa.

Illum se mmut,
u nittama li nqum mingħajr konfużjoni.

# DEDIKA (II)

Meta darba kont ktibtlek
"kieku int toħroġ minn ħajti
u d-dinja tiegħi tinfaqa' f'wiċċi
bħal fi tmiem-univers-bla-ħjiel-ta' ċiklu-ġdid
u ma nibkix"
kont nidħak bija nnifsi
u nobgħod lili nnifsi
kif aħjar ma twelidt qatt
jekk qatt
stajt nasal li naħseb fuqek
baxx. . .

Imma llum li
l-imrietel tal-profezija fonda
qegħdin jaqsmuli moħħi
u ruħi ġo sidri
qiegħda tiċkien
tmut fuqha nnifisha
ma nafx għandix noħlom l-imgħoddi
għal dak li għadu ġej
u dak li għadu ġej (migħajrek u bik)
se jasal xorta waħda
kif xorta waħda
l-Imħabba Kbira Tgħasses
se tgħasses għalxejn
. . . biex il-wegħda ma tkunx fiergħa

għax jiena nobbli
u inti krudil
jew jiena miġnuna
u inti divin
jew
Alla jieħu gost
jagħmel "il-martri"
minnek u minni
jew għax il-bniedem ikkundannat
(u jien u int nixxiebhu u ma nafux)
u nqbadna . . .

**Doreen Micallef**

# IL-MOVIMENT INIEDI L-EWWEL FIERA TAL-KTIEB MALTI

L-ewwel fiera tal-ktieb Malti saret sewwa sew fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta, fl-oqsma tan-Naxxar, bejn l-1 u l-15 ta' Lulju. Bil-għajnuna li l-Moviment Qawmien Letterarju ngħata bil-qalb kollha mis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kummerċ, il-kotba tal-imseħbin tal-M.Q.L. setgħu jippreżentaw għażla mix-xogħlijiet tagħhom għall-wiri u għall-bejgħ. Bħalma l-Moviment tagħna kien l-ewwel wieħed li ppreżenta wirja ta' kotba Maltin, hekk issa kien hu ukoll l-ewwel wieħed li daħħal il-prodott tal-moħħ Malti fil-Fiera Industrijali.



Kienu jiem ta' taħbit għall-imseħbin tal-kumitat, u uħud minnhom ħadmu tassew bla heda u b'sagrifiċċji kbar biex il-publiku seta' jara taqsima mis-sala tal-arti fil-Fiera (Is-sala Markiż Scicluna) mogħtija għall-kotba Maltin. Il-publiku ma naqas qatt matul il-ħmistax il-jum tal-fiera. Bosta ġew, raw il-kotba, staqsewna fuq uħud li raw u fuq oħrajn li ma kellniex għall-bejgħ. Kien sabiħ ħafna l-għadd ta' dawk li xtraw il-kotba minn għandna; u fosthom kien hemm mhux biss Maltin, iżda turisti u xi emigranti li ġew Malta bi btala.

Kellna wkoll l-okkażjoni nintebħu kemm il-Moviment Qawmien Letterarju huwa tabilħaqq meqjum u magħruf fost il-publiku. Uħud staqsewna dwar l-attivitajiet tagħna, u oħrajn talbuna l-formoli biex jissieħbu magħna. Kienu jiem li laqqgħuna wiċċ-imb-wiċċ mal-publiku, dak li jafna mill-bogħod bis-saħħa tal-kitba u bis-saħħa tax-xandiriet tagħna minn fuq ir-Rediffusion.

Kellhom sehem siewi wkoll fil-wirja l-kopji mgħoddija tar-rivisti tal-Moviment, "Il-Polz" u "Sagħtar". Minn dawn ukoll il-publiku talabna u kien hemm bosta li

qalulna bix-xewqa li jgħaqqdu s-sett kollu fis-sensiela. Flimkien mas-"Sagħtar" kellna wkoll għall-bejgħ kopji tar-ritratt tal-eroj Malti Dun Mikiel Xerri li l-bord editorjali tas-"Sagħtar" qassam b'xejn lit-tfal tal-iskejjel ma' l-aħħar ħarġa ta' Ġunju-Lulju u li mbagħad fit-tex li jbigħ bi prezz irħis matul il-jiem tal-fiera.

Biex it-taqsima tagħna kellha dak l-għadd sabiħ ta' kotba, kull imsieħeb kien mitlub, jew aħjar mistieden, jibgħat għadd ta' kopji minn kull ktieb imxandar tiegħu. Fi ftit jiem is-segretarju tiegħu wkoll lill-Klabb Kotba Maltin billi stiednu jippreżenta u jbigħ uħud mill-kotba sbieħ tas-sensiela tiegħu ta' kull xahar.

Kif tista' l-ħidma tagħna f'din il-fiera tkun ta' pjan jew ħsieb għall-ġejjieni? Xi msieħbin tal-kumitat fehmu diġà li dan għandu jkun biss il-bidu għal ħid-miet oħrajn fil-publiku fejn il-M.Q.L. iressaq wiċċ-imb-wiċċ mal-publiku lill-kotba tal-membri tiegħu. Il-bidu fil-Fiera Internazzjonali ta' Malta kien l-aħjar bidu li wieħed seta' jistħajjel; u hekk ukoll il-laqgħa li kellna kienet l-aħjar




rċieva tweġiba mill-aħjar minn għadd sabiħ ta' msieħbin, xhieda oħra li l-mem-bri apprezzaw is-sehem li l-Moviment ifit-tex dejjem li jagħti lill-kittieba li jħad-dan. Min-naħa l-oħra l-kumitat jifhem li l-imsieħbin japprezzaw ukoll is-sagrifiċ-ċju li kellhom jagħmlu uħud mill-mem-bri tal-kumitat — uħud minnhom għal ħmistax-il jum sħiħ — biex it-taqsima tal-kotba setgħet tinfetaħ għall-pubbliku għal ħames sigħat kuljum u għal sitt sigħat nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd.

Ta' min isemmi li l-Moviment ħass li, għal din il-fiera, kellu jagħti l-għajnuna waħda li stajna ningħataw. U dan mhux għalina, li din id-darba ħdimna għal ħaddieħor kif nagħmlu sikwit, iżda għall-kawża tagħna li tibda mill-apprez-zament ġust tal-ilsien nazzjonali u tinfi-rex sa l-oqsma kollha tal-problema tal-qagħda ta' l-awtur f'Malta.

Radd ta' ħajr speċjali għandu jmur lis-Soċjetà ta' l-Arti, Manifattura u Kum-merċ, u l-iżjed lill-president, il-professur Ġużè Aquilina, li fid-diskors tiegħu, bħala awtur ewlieni, seħaq ħafna fuq ir-rab-ta bejn il-pittur, l-iskultur u l-kittieb.

# HOLOQ

(poeżiji ta' Mario F. Bezzina, Carmel Calleja, Carmel G. Cauchi, Kerubin Farrugia, Ġorġ Falzon)

Jien nammira ħafna dik il-poeżija li jirnexxilha teħodni, forsi bla ma rrid jew ninduna, fil-fond ta' ħsieb ieħor u ġġibni nkiss inkiss lura fejn kont b'esperjenza ġdida jew b'tifkiriet imġebbda. Dan hu element konspikwu li sibt fil-poeżija ta' Carmel G. Cauchi. Fl-għażla tiegħu tin ħass is-saħħa ta' gelgul wara gelgul, il-battuta, biex insejħilha hekk, mużika, li tgħin biex il-qarrej jifhem mhux biss il-ħsieb tal-kitba, iżda jħossha wkoll. Għalhekk il-poeta jkun seħħlu jġedded ħsus qalbu mhux biss fih innifsu minn mument għal ieħor, iżda jkun sawwar l-istess tqanqiliet saħansitra fi bniedem ieħor u dan hu element meħtieġ f'kull poeżija tajba.

Barra minn dan, fil-għażla tiegħu Cauchi jħallilna togħma reliġjuża li tgħinu — jew aħjar jużha — biex jispjega jew jgħallem (ukoll jekk x'aktarx b'ton sarkastiku) noti morali li għalkemm jafhom kulħadd, saru wisq ta' kuljum biex wieħed jieqaf jaħsibhom: "il-bniedem mhux bħall-qtates/li jfittxu għoxrin mara/bla jqisu xejn f'jannar/ (il-Bniedem jagħmel bħalhom/ma' tul it-tnax il-xahar!) — Homo Sapiens.

L-aktar wieħed fost il-ħamsa li hu konvenzjonali hu bla dubju ta' xejn Patri Kerubin Farrugia, li b'irbit strett mal-liġi poetika fil-għażla tiegħu ta xejra imħawwra tassew tajjeb u kuntrast effettiv lill-"Ħoloq". Kerubin Farrugia ma jħoss ebda ħtieġa, jew ma jagħmel ebda sforz biex jagħti palata aktar moderna lill-poeżija tiegħu kemm fit-tħaddim tal-kliem kif ukoll fil-għażla tat-tema. Iżda ħadd ma jlumu jekk b'dan l-istil ta' kitba jħossu l-aħjar jispjega ruħu u jwassal ċar u tond il-messaġġ li jrid. Madankollu, l-aktar poeżija li nħossuha titbiegħed ħarira mix-xejra tal-għażla ta' Farrugia u trid tidħol fit-toroq "ġodda" hi "Ħsibijiet".

"......Kelmtejn tajba jrażżnu l-ilpup, tnejn ftit iebsa jwebbsu l-qlub!" Ħoss effettiv li jġib f'għeluqu l-ktieb, hu l-messaġġ ta' "saħħa" li jixtiqilna Patri Kerubin. Ideja li għoġbitni u ssaħħaħli fehmti li Kerubin Farrugia hu l-aktar wieħed kwiet u rrassenjat fost il-ħamsa, u għaraf jgħix mal-ħajja mingħajr ħafna protesti.

Bħal fil-poeżija ta' Cauchi u Kerubin Farrugia, insibu lil Carmel Calleja li jħoss fin-natura tal-poeżija tiegħu tonfoħ ispirazzjoni reliġjuża. Calleja jħaddan ħsibijiet u emozzjonijiet li huma riflessjoni tad-diżpożizzjonijiet tiegħu f'waqtiet differenti lejh innifsu u lejn id-dinja ta' madwaru. Fil-poeżija tiegħu nħossni aktar "nitgħallem" milli "nħoss"; "ma jidħolx b'ruħu u ġismu f'xinhu jħoss fit-tema magħżula, iżda jirnexxilu jagħfas fuq it-tajjeb u l-ħażin, il-ġustifikazzjoni (jew kuntrarju) u l-morali tal-għażla tiegħu. Eżempju klassiku hi l-poeżija "X'ħasra!" fejn isaqsi l-Mulej — "Għaliex tħallini/ninfena/f'din l-art qarrieqa/għal dnub li ma wettaqtx?"

Calleja laqatni bil-poeżija "VIII ta'

# HOLOQ

Settembru," fejn jistħajjel li l-imħabba lejn art twelidu hi l-aqwa ħaġa. L-element patrijottiku u dak storiku joħorġu mgħaqqdin u tant naturali li flimkien mal-ismijiet bħal "Peppi, Xmun u Roża" iħalli tpinġija friska ta' arja Maltija.

Fil-passaġġi li jtuna Cauchi u Calleja hemm ħsibijiet li għalkemm iħosshom kulħadd, fihom is-simboliżmu tagħhom bla ebda tlettix fieragħ u tidwir mal-lewża. Għalkemm it-tixbiħat m'humiex nieqsa, l-istil imħaddem hu sempliċi, mexxej u dirett għal ras il-għajn. Dan l-element "dirett" iżda, instab nieqes mit-tifsiliet ta' Ġorġ Falzon u wisq aktar ta' Mario F. Bezzina, li jagħfsu l-aktar fuq l-astratt u s-simboliku.

Barra minn dan Falzon u Bezzina huma l-aktar tnejn fost il-ħamsa li huma imbegħdin mill-ispirazzjoni reliġjuża jew aħjar mill-influwenzi f'ambjenti reliġjużi.

Ġorġ Falzon, bħal kull żagħżugħ ieħor, jogħxa fuq ħolm romantiku, imħabba, żfin u daqq u jixtieq kieku li d-dinja jaraha f'dan id-dawl, iżda fl-istess ħin donnu qed jammetti li t-tajjeb u l-perfett, kif iridhom hu, huma biss realtà fl-immaġinazzjoni. B'effett ta' dan kollu nistħajlu l-aktar wieħed liriku fosthom il-ħamsa, għax il-poeżija tiegħu tista' tassew tħossha bid-diżappunti jew diżillużjonijiet li issa jhennuk u waqt ieħor isewdulek qalbek b'tifkiriet ta' xi ħaġa li tixtieqha u tridha bil-fors tkun aħjar jew minn għalik sa tkun aħjar. Tassew, nistħajjel lil Falzon jibża mill-ipokresija u d-diżappunt li wieħed, irid u ma jridx, ikollu jsib f'ħajtu: "għalija fadal biss/ il-biki' il-krib,/u x-xejn u l-ħadd/il-logħba li sfat fiha qalbi/ġabitni ma nemmen f'xejn u f'ħadd.

Kuntrarju għal Calleja u Cauchi, kemm Falzon kif ukoll Bezzina ma jħossuhom b'ebda mod marbutin li għandhom jgħallmuna għax għalkemm issib il-messaġġ — ukoll jekk xi drabi b'diffikulta — fil-poeżija tagħhom m'hemmx il-ħtieġa ta' moral qawwi.

Kif għidt aktar 'il fuq, il-poeżija ta' Bezzina m'hiex ta' xejra reliġjuża u hu jsejjes ħsibijietu fuq esperjenzi persunali u l-effett tal-ġrajja kontemporanja fuq l-ambjent ta' madwaru. Jidhirli, iżda, li l-aħjar tiegħu, u fejn nistħajlu l-aktar naturali, hu fir-rifless tal-emozzjonijiet imġarrba tiegħu.

Għalkemm jirnexxilu jagħtina l-kwadru mlewwen bi ħsibijiet qawwija, xi kultant din il-qawwa hi ġejja aktar mill-kliem u l-lingwaġġ modern użat u mill-istil imħaddem milli tassew mit-toqol jew in-natura tal-istess ħsieb. Għalhekk, xi drabi tiċċajpar il-freskezza naturali li kellu jew seta' kellu l-ħsieb ewlieni. Fl-istess waqt, l-għażla karatteristika ta' kliem fil-poeżija ta' Mario bħal "suwiċidju tropikali," "xebba anti-żvilluppata" u ħafna oħrajn tgħin biex tħalli l-kwadru tal-poeżija tiegħu mmarkat b'pinzellati f'impressjonijiet qalila u x'aktarx "ġellieda". Poeżija ta' Mario F. Bezzina li nħossha tisboq lill-oħrajn hi "Taħt Qillet Żgħożiti" fejn joħroġ b'damdima mqita u bil-qawwa kollha 'l barra minn qoxortu u jħares ħarsa ta' qilla madwaru u jara l-veritajiet li għalkemm huma tassew u naturali, huma fl-istess waqt l-assurdità li ssawwar mill-ħajja paradoss vast. "Taħt qillet żgħożiti hemm folol marsusin/bil-bnadar imċarrta ħtija tal-progress/jgħajtu ġewwa d-daħna tan-newtralità".

**Paul P. Borg**

il-professur Peter Serracino Inglott dwar

# WICC - IMB - WICC

(drammi ta' Doreen Micallef, edizzjoni tal-Klabb kotba Maltin)

IS-SITT XOGĦLIJIET (TA' GĦAXRA, TNAX-IL PAĠNA L-WIEĦED) MIĠBURA FL-EWWEL KTIEB TA' DOREEN MICALLEF ("WIĊĊ-IMB-WIĊĊ U DRAMMI OĦRA", EDIZZJONI KLABB KOTBA MALTIN) JIDHRU MILL-EWWEL LI HUMA *RADJU-DRAMMI* U MHUX DRAMMI GĦALL-PALK.

Jixhduh, jekk mhux ħaġ'oħra, ir-rubriki "fade-in", "fade-out" (li jirreferu għal ħsejjes, u mhux għad-dwal) eċċ.

L-interess ta' din l-osservazzjoni mhux ġej daqshekk mill-fatt li r-radju u l-palk jitolbu teknika differenti, daqskemm mill-fatt li d-dinja mistħajla tal-awtriċi teżisti biss, fit-terminu ta' McLuhan, fl-"ispazju akustiku". Jiġifieri l-kliem jidwi fid-dlam, f'kontesti li jibqgħu mistura, f'ambjenti mingħajr kontorni definiti.

Nisimgħu ilħna disinkarnati li jitkellmu lkoll bl-istess stil u tidwir partikolari tal-lingwa. Jgħixu għalihom, bejniethom. Biex ingħid hekk, dawn id-"drammi" donnhom damma ta' siltiet minn monologu polifoniku li qisu ħiereġ minn persuna kollettiva-mifruda fiha-nnifisha.

U mid-diskors ġewwieni ta' dan il-persunaġġ kollettiv, jew aħjar mill-konversazzjoni bejn l-elementi ta' din il-kostellazzjoni psikoloġika, lis-semmiegħ jingħatalu l-privileġġ li jisma' ftit mid-diwi. Il-qarrej jilqa' ftit frak li jaqa' mill-mejda msaħħra li madwarha tliet karattri (u darba waħda biss, erbgħa) jinġabru, minn żmien għall-ieħor, biex jissieħbu f'ritwal esoteriku.

Effett imseddaq minn sentenzi 'l hawn u 'l hinn li jidhru mhux kompluti, jew mibdula waqt li kienu qed jinkitbu, abortivi. Kulħadd, f'xi waqt kritiku, jeħillu lsienu u jtemtem. U jinħasad min jara mera li tidher iffullata bix-xbihat u jsib li mhix ħlief tilma mirja oħra b'dehriet minn angoli differenti tiegħu stess. Persuna waħda tiġi mmoltiplikata f'kotra ta' riflessi; u f'dawn id-drammi qisek qed tisma' lil din il-persuna tisma' lilha nfisha tirraġuna, daqqiet bil-loġika u r-ritmu ta' magna kalkolatriċi, u daqqiet bil-liriċita u l-isfog tal-qalb. Il-Qalb tibqa temmen fil-possibiltà li mqar fis-saltna tad-determiniżmu jseħħ l-assurd.

Qisek qed tara siġra miġbuda minn tlett irjieħ barranin jew tropiżmi ġewwenin: l-egħdewwa qodma tewmin, l-imħabba u l-mewt, u magħhom l-arti.

U mill-lotta bejn l-ewwel tnejn, it-tielet tinseġ il-metafori mtennija bħaż-żibeġ f'kuruna tar-Rużarju, u dawk l-eki ta' taħbit il-qalb, sinkopati, bħall-frażijiet mużikali tal-jazz.

M'għandniex hawnhekk infittxu r-realiżmu tal-karatterizzazzjoni individwali. Kieku kont jiena reġista qed intella' dramm minnhom fuq il-palk, kont inlibbishom maskri. Dak li jgħodd hu s-*sehem* ta' kull wieħed fir-rakkont, il-*parti* li jaħdem fil-ġrajja li hija s-sustanza tad-dramm. Għedt "dramm", u mhux drammi, għax rari biex sitt xogħlijiet li nkitbu kull wieħed għalih ikunu daqshekk donnhom sitt uċuh ta' priżma wieħed, jew ikollhom daqshekk simmetrija bejniethom. Effett ieħor li jkompli jseddaq is-sens ta' ritwalita fil-ġrajja. Kif tagħmel ukoll l-impressjoni li l-persunaġġi huma ċifri li jeżemplifikaw ekwazzjoni, egħliem li jwieġbu għal xulxin, b'sinjali opposti, pożittiv u negattiv, hekk li ż-żewġ naħat jaqblu u jħassru lil xulxin, fi trama li hi dejjem ta' sempliċita kbira.

Ir-rubrika li nsibu l-aktar ta' sikwit (u l-awtriċi tagħti direzzjoni dwar b'liema ton għandha tingħad kważi kull battuta tad-djalogu ) hija modalita tal-verb "fehem". Hekk li l-karattri nfushom jidhru qegħdin ifittxu s-sens tal-liturġija u jidher li huma olokawst — eqqel minn ta' Didone taħraq lilha nfisha wara li d-Destin ħadilha lil Enea, eqqel minn dak ta' Abraham li kieku ma deherlu ebda anġlu biex iżommlu idu qabel ma qatel b'idejh lill-maħbub Iżakk.

Huwa olokawst bħal dak li ġarrab Kier-

# WICC-IMB-WICC

kegaard, fis-sens li għandna ġrajja ta' xi ħadd li daq l-imħabba f'żgħożitu u din l-esperjenza nisslet fih in-nebħa tal-poeżija u mbagħad minnufih safa qisu armel li fi xjuħija antiċipata jiftakar u jistħajjel mill-ġdid is-sbuħija tat-tama li taf, issa, li qatt mhi sejra sseħħ.

F'dan is-sens ukoll, nistgħu ngħidu li "Wiċċ-imb-Wiċċ" huwa espressjoni tal-Eżistenzjaliżmu, fl-egħruq tiegħu, bħala filosofija; iżda mhuwiex bil-filosofija li dawn id-drammi jaħdmu bħal seħer fuq is-semmiegħ-qarrej, iżda b'dak ir-ritmu ta' martell iħabbat fuq l-inkwina ġo forġa mtaħħta f'dinja katakombali li jagħti ton għal kollox individwali u tagħha lil kitba ta' Doreen Micallef.

Huwa dan ir-ritmu — jvenven bħal twieqi ta' dwejra waħidha f'beraħ ta' xagħri bla tarf li jingħalqu msabbta mil-irjieħ — li jwassal f'imnifsejn il-qarrej ir-riħa tal-ħruq tal-olokawst.

Jekk il-ħruq joħloq vojt warajh, dan il-vojt mhux il-baħħ tax-xejn li qatt ma kien, iżda t-tbattil ta' spazju mill-oġġetti li darba kien fih, jew seta' kien fih, u li sfaw bla sens. Dan il-vojt, għalkemm kiefer, irid jingħata merħba fina; huwa sinjal, fil-ġewwieni tagħna, tal-presenza tal-infinit.

Għaqqad is-sensiela ta'

SAGHTAR

Ikteb lill-editur:

RICHIE VELLA,

100, Triq il-Merkanti,

Valletta

# DWAR NINU CREMONA

**minn J.J. Camilleri**

Sa fejn naf jien dan id-dettal fil-ħajja letterarja ta' Ninu Cremona qatt ma tqanqal. Fil-5 ta' Diċembru, 1929, F.S. Caruana f'isem L-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti kiteb ittra lil Enrico Mizzi, Ministru ta' l-Istruzzjoni Pubblika, u fost affarijiet oħra talbu biex il-Gvern jadotta l-alfabett li l-Għaqda kien ilha tuża seba' snin sħaħ. F.S. Caruana f'din l-ittra ta l-isfond storiku u r-raġunijiet għaliex dan l-alfabett għandu jiġi mdaħħal "għall-inqas f'dawk id-Dokumenti li għandhom karattru permanenti."

Fil-31 ta' Jannar, 1930, din l-ittra tas-Segretarju ta' l-Għaqda ntbgħatet lil Ninu Cremona, li dik il-ħabta kien l-Editur tal-Publikazzjonijiet bil-Malti. Cremona ta t-tweġiba tiegħu u wera l-opinjonijiet li kellu f'ittra twila li bagħat lill-Ministru fl-4 ta' Frar.

Min irid id-dettalji jista' jara dawn l-ittri fi studju li għamilt, *"Storja ta' l-Edukazzjoni f'Malta"*, manuskritt fil-Librerija ta' l-Università, pp. 124-139, Żjieda Ċ.

Biżżejjed hawn ingħid li f'din il-korrispondenza Ninu Cremona jissuġġerixxi lill-Ministru biex il-Gvern ma jagħmilx — almenu għal issa — din il-bidla kif kienet talbet l-Għaqda. Cremona juri d-dubji tiegħu jekk l-alfabett ta' l-Għaqda għadx jirnexxi. Għal Cremona l-Għaqda kienet aktar Soċjetà Xjentifika u Filoloġika milli Għaqda Letterarja Popolari; l-alfabett propost kienu jużawh biss il-membri fil-*"Il-Malti"* għal suġġetti purament letterarji u filoloġiċi.

Ir-rappreżentanti li l-Moviment Qawmien Letterarju bagħat biex jidhru għalih u jfissru l-fehmiet tiegħu fil-laqgħat tal-Kunsill Ċentrali tal-Malti huma s-sur Mario F. Bezzina u s-sur Lawrence Zahra, it-tnejn membri tal-Kumitat.

# FIL-HARIFA TAL-HAJJA

Fil-ġnien kien baqa'
biss b'difrejh misnun jigref ir-riħ
iħaxwex fil-weraq li waqa'
mis-siġar għerja bħal erwieħ.

Hekk ħallewni l-għeżież
tiegħi, waħdi ħdejn il-vaska ħadra
fejn sieket iħażżeż triqtu l-wiżż,
simbolu minsi ta' l-imħabba,

nħares lejn l-ilma
li far mill-funtana
nara ċ-ċrieki mkabbra
fejn għerqet ħolma setgħana;

meta f'salt ħasadni
ħoss l-għasafar għalenija
mbeżżgħin mill-ajruplani
fi qtajja' jiġru mbikkija,

u ħassejt ħafif itir
is-sħab minxur mas-sema
bħal siparju fin tal-ħarir
quddiem wiċċ il-mewt jintrema.

W issa, mill-ġdid, tal-istorja
ta' qalbek jitqanqlu t-tifkiriet;
irampel il-ħsieb f'bir il-memorja,
l-imgħoddi jqalleb, bħal moħriet.

**Peter Serracino Inglott**

ISSIEHEB FIL-KLABB KOTBA MALTIN:
IKTEB LIL PAWLU MIZZI, B.A.(Gen),
3A, TRIQ ID-DEJQA, VALLETTA

# Kotba ohra

Kotba ġodda oħra li ħarġu dan l-aħħar, anzi sewwa sew meta r-rivista kienet fl-istampa, huma:

"IS-SALIB TAL-ĠIŻIRANA" — rumanz ta' Alfred Mazza.

"TRIFOLIUM" — ġabra ta' poeżiji ta' George Zammit.

"AGĦDAJJAR" — ġabra ta' poeżiji ta' Farid il-Għamra.

"COME AGAIN IN SPRING" — rumanz bl-Ingliż ta' Fracis Ebejer.

"IS-SURMAST" — rumanz ta' Trevor Zahra (edizzjoni Klabb Kotba Maltin).

"L-EWWEL KTIEB BL-ISTAMPI" u 'NGĦINU FID-DAR" — Merlin Library, Hamrun u Ladybird Books, Ingilterra.

"LINJI ĠODDA" — poeżiji moderni bi studju tal-prof. Peter Seracino Inglott (edizzjoni Klabb Kotba Maltin).

# il-mewġ għadu tiela'

Il-mewġ għadu tiela' fuq ir-ramel
kif nafu jien!
Nibża' li l-lejla ġa wittieha l-ħażża
li jien ħażżiżt
x'ħin kont mitluf qed naħseb biss fi mħabbti
Għidli Mulej, xi ħtija jista' jkolli
ladarba ż-żmien
ma jafx ħlief biss iħassar ġmiel ħidmieti?
Għax naħti jien?
Xi ħtija għandi meta f'jum ta' bnazzi
sibt is-serħan
u l-"ego" tiegħi li jsir hekk ġie talab
fi ħsieb bla għan?
Xi ħtija għandi jekk fettilli nilgħab,
fis-sħab imtabba'
u mtaqqal bid-duħħan sewdieni u jinten,
b'għaxqet l-imħabba?
Imm'Int, Mulej, kont qiegħed hemm tarani,
x'ħin jien wettaqt
għemil il-frugħa bla ma l-ħsieb wiżintu. . . .
Għax lili tlaqt?
Għal kelmtek ma xegħlitx biex idi nżommha,
x'ħin jien kont hemm,
mistagħġeb wiċċ imb wiċċ maż-żmien li, nafu,
qatt ma jintemm?

**Mario F. Bezzina**

# L - ILMA TAL - WIED

poeżiji ta' Ġorġ Borg

*L-Ilma tal-Wied* ma joffri l-ebda tibdil radikali fl-arti ta' Ġorġ Borg. L-awtur ħalla l-istess binjiet poetiċi ta' qabel. Dal-poeta donnu miġnun wara l-forom li għażel l-aktar wara dik li tista' ssejħilha "l-arti tal-qosor". Din hija l-aqwa kwalità ta' Ġorġ Borg.

Biss, din l-istess kwalità għandha n-nuqqasijiet tagħha, mhux għax tillimita l-vrus, iżda, minħabba l-mod li bih tintuża. F'Ġorġ Borg, il-qosor ma jġibx assoċjazzjonijiet oħra. Jekk, ngħidu aħna, tqabbel poeżija tiegħu ma' waħda qasira ta' T.S. Eliot, tkun tista' tara d-differenza. Parti minn "Ash Wednesday" jew "The Waste Land", qasira kemm hi qasira toħloq għadd ta' tifkiriet jew assoċjazzjonijiet barra mill-limitu tal-poeżija. F'Ġorġ Borg, is-sitwazzjoni hija differenti. L-għan prinċipali tiegħu huwa li jerġa' joħloq "il-mument" u li jġiegħel il-qarrej jidħol f'dan il-mument partikolari u ma jiftakar f'xejn aktar.

Bħala t-tieni għan, il-poeta jfittex il-qawwa proverbjali bit-tagħlima ntiża, jew inkella xi ħsieb li jolqtu. Tant li ħafna mill-poeżiji ta' din il-ġabra huma għadd ta' tifkiriet li l-poeta jimmedita fuqhom u fuqhom biss. U biex inti ma titlifx mill-attenzjoni tiegħek, Borg jagħti lill-poeżija sens qawwi ta' għeluq. Fil-fatt, tista' tgħid li l-biċċa l-kbira tal-poeżiji jimxu b'dan il-mod: fl-ewwel żewġ jew tliet strofi, il-poeta jibni sitwazzjoni; fl-aħħar strofa, imbagħad, jiċħad jew isaħħaħ dak li jkun qal. Dan jidher ċar jekk wieħed jeżamina, *"Il-lum għaddejt bil-għaġla"*, *"Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti"* *"Il-Mistoqsija"*, u *"Lanqas"*. F'dawn l-erba' poeżiji, wieħed jinduna li kull waħda għandha l-kelma "Iżda" jew "Imma" fl-għeluq tagħha. Huwa mudell li jirrepeti ruħu fil-poeżija ta' Borg.

Id-dixxiplina ta' Borg fuq il-linji — il-preokkupazzjoni prinċipali tiegħu — tirnexxi meta l-poeżija jkollha l-qawwa ta' inċiżjoni. Hekk, fil-poeżija *"It-Tfal tat-Triq"* il-vrus "l-imgħoddi jqum", "għaddej fit-triq" u "mgħoti bis-sieq" huma tħaffir meqjus bil-musmar bi sforz ġenwin biex il-kuntrast bejn ix-xiħ u t-tfal joħroġ sew. Ukoll, il-kelmiet "setgħan" u "tnejn" maqtugħin għalihom fil-poeżija, *"Inżul fuq il-Qamar"* jaqtgħu għal kollox liż-żewġ bnedmin fuq il-qamar. Din hija kważi l-arti tal-karikatura, biss, Borg qatt ma jkollu f'moħħu li jweġġa' jew idaħħak, imma li jkun sempliċi kemm jista' jkun. Aktar ma l-istampa tkun nieqsa minn dettalji, aktar tirreġistra fuq il-moħħ malajr.

Il-poeżiji bi vrus twal jew li jimlew paġna huma rari ħafna. Waħda, *"Aħna u Tel-għin"*, tirrisolvi ruħha f'allegorija xi ftit imġebbda. Donnu li aktar ma jifrex, Borg aktar isibha bi tqila biex jesprimi ruħu poetikament.

Borg jibqa' jfakkarni ħafna f'Rużar Briffa, poeta mingħajr pretensjonijiet żejda, imma li min irid jistrieħ ftit jieħu gost bil-poeżija sinċiera tiegħu. Ma nafx jekk Borg jibdilx l-arti tiegħu jekk ikun hemm xi tibdil f'ħajtu. Dan jista' jkun daqqa ta' ħarta għall-poeżija sempliċi u ma jkun hemm l-ebda garanzija li Borg jikteb aħjar. Imma dan kollu spekulazzjoni u mhux id-dmir jew il-funzjoni tal-kritiku li jagħmel dan.

**Lawrence Quintano**

## "SAGĦTAR"

Ir-rivista "Sagħtar" li l-Moviment joħroġ għat-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-iskejjel sekondarji bil-għajnuna tad-dipartiment ta' l-edukazzjoni u kultura, issa qiegħda tinbiegħ ukoll lill-publiku kollu minn għand għadd ta' ħwienet ewlenin. Din hija waħda minn sensiela ta' ħidmiet li l-editur il-ġdid, Richie Vella, flimkien mal-bord tiegħu, fassal fi pjan ta' titjib. Ħidma oħra hija l-premju nazzjonali "Sagħtar" li se jitniedi matul is-sena skolastika li ġejja. Barra minn dan, "Sagħtar" se jitjieb ukoll fl-għażla tax-xogħlijiet imxandra u fil-preżentazzjoni. Biex ikun jaf sewwa x'inhu l-aħjar li jsir — biex is-suċċess li għandha r-rivista joktor — il-bord editorjali għamel kwestjonarju lill-għalliema rappreżentanti li wieġbu minnufih u bagħtu ħafna tagħrif ta' siwi.

Fost it-titjib imsemmi, ta' min igħid li wieħed mill-ħsibijiet ġodda hu li tingħata importanza akbar — b'tagħrif u stampi — lill-wirt kulturali Malti fl-oqsma tiegħu kollha.

# STIGMATA

Forsi issa tard wisq
biex nerġa' ngħix mill-ġdid
lil ħajti kollha.

Forsi issa tard wisq
għax darba ħlomt
li l-ħajja tiegħi ħlejtha.

'Mma issa ħlomt ħolma oħra
u rajt bħall-ktieb miftuħ
lill-ħajja tiegħi.

U rajt l-umiljazzjonijiet
ta' ħajti
u issa jidhru sbieħ il-pjagi tagħhom

**Carmel Attard**

---

# INDIFFERENTI

U mewġet
il-palma
u xejret
osanna
fir-riħ.

U l-ġemel kompla
jmekkek...pass...pass
indifferenti
fix-xemx u r-ramel sħun.

**Carmel Calleja**

# AHN' ILMA JGELGEL

L-istorja tagħna trid tintemm xi darba
bħall-ilma mqalleb li jsir ilma qiegħed,
bħall-ġebla li titgerbeb sa ssib postha,
bħall-pindlu ta' l-arloġġ li fl-aħħar jieqaf.

Kull lejla meta jinżel dlam fuq djarna,
u wliedna jistaqsuna xi jkun ġara,
naqilbu l-kliem għax ma nafux inwieġbu,
u ngħannu l-innu stramb li twieled magħna:
"Aħn ilma jgelgel u ħadd ma jixorbu
għax il-mewġ tagħna fih il-melħ tal-qerda.
Aħna ġebliet li nqlajna mill-imqades
t'allat li mardu w mietu iddisprati
fi ġlieda ta' bejniethom. Aħna pindlu
li wasal biex tinħlielu l-enerġija.

**Oliver Friggieri**

**il-polz** ghadd 24, marzu - Awissu 1973

organu tal-moviment qawmien letterarju

• Billi l-laqgħa ġenerali 1973-74 riesqa ġmielha, infakkru għal darba oħra lil dawk l-imseħbin biex, jekk iridu li jkollhom il-jedd li jivvutaw, iħallsu s-sehem tas-sħubija mill-aktar fis. L-indirizz tat-teżorier hu: Mario F. Bezzina, "Stella", triq il-Karmelu, Birkirkara.

• Jidhrilna li minkejja li l-biċċa l-kbira tal-ġurnali ewlenin għandhom paġna letterarja, u minkejja li dawn kważi kollha jkunu miżgħudin b'kitbiet 'ġodda' minn ġimgħa għal oħra, il-livell mhux dejjem ikun dak li jixraq lill-isem "letteratura". Anzi sikwit qegħdin jixxandru xogħlijiet li ma jmisshomx jidhru għaliex ma jiswew xejn. Dan m'għandux ikun għaliex ibiegħed lill-qarrejja l-iżjed intelliġenti mill-kitba Maltija—anki mill-kitba ġenwina u tajba — waqt li jagħti impressjoni ħażina u mhux ġusta tal-letteratura maltija kollha. Nifhmu wkoll li f'paġni bħal dawn għandu jingħata spazju mhux żgħir għal kummenti serji u għal tagħrif li 'l quddiem jista' jkollu s-siwi ta' dokumentazzjoni.

• Wara Dun Karm mess lil Ninu Cremona. Il-monument li sarlu f'Għawdex bis-saħħa tal-għalliema u tal-istudenti tal-Liċeo tar-Rabat, Għawdex, huwa xhieda ħajja ta' kemm dan il-persunaġġ letterarju ewlieni huwa meqjum fil-gżira. Nittamaw li ħidma bħal din tisfa ta' kuraġġ biex naħiet oħrajn, kulturali u mhumiex, jidħlu għal xogħol bħal dan li jaqdi, mill-inqas, żewġ għanijiet: isebbaħ lil artna u jwettaq aħjar l-istatus tal-awtur Malti bħala għajn sħiħa ta' siwi fil-wirt nazzjonali. Haqqu prosit ukoll l-iskultur Alfred Camilleri talli għamel ix-xogħol mingħajr ħlas.

• Kittieb ieħor, Għawdxi-Franċiż, Laurent Ropa, se jkun imfakkar f'Għawdex ukoll b'bust fi ġnien publiku. Is-sur Pawlu Mizzi, id-direttur tal-Klabb Kotba Maltin, huwa responsabbli, għal darba oħra, għal din il-ħidma ġeneruża. Mizzi kien xandar "L-għanja tas-sienja" (rumanz ta' Ropa maqlub fi lsienna minn Ġużè Aquilina) fis-sensiela tal-KKM.

*Lux Press — Hamrun*